MINUTI
KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA
KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IT-TIENI LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU TNEJN

24 ta' Lulju, 2014

Il-Membri kif tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Marylyn Sammut.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

**2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

2.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa lis-Segretarju Eżekuttivi fuq l-istima ta' Triq Fra Gan Marie Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Amministrattiv li tablet tliet darbiet lill-Perit Lewis imma sa issa l-Kumitat għadu ma rċieva xejn.

2.1.2 Fir-rigward ta' Triq Fra Gan Marie Zammit kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jikteb lill- Transport Malta u jistaqsi meta ser isir il-wiċċ ta' din it-triq.

2.1.3 Ġew approvati l-minuti tal-ewwel seduta ta' din il-leġislatura.

**2.2 Affarijiet pendenti mill-leġislatura preċedenti**

2.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġiebed l-attenzjoni li l-mirja ordnati għadhom ma twaħħlux u li fejn iċ-ċimiterju tħalla munzell trabb li ma inġabarx wara li sar il-qtugħ tal-ħaxix.

2.2.2 Inġibdet l-attenzjoni li l-Gal Xlokk hemm ċans li jkollhom xi savings mill-proġetti ta' Miżura 125 u l-Kumitat Amministrattiv ssuġġerixxa li ssir parti minn Triq Gio Batta Riccio jekk ikun il-każ.

**2.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi**

2.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni tat-talba li saret fuq yellow lines faċċata tal-garaxxijiet fi Triq Santa Marija. Ittieħed ritratt u ġie ndikat il-post imsemmi. Kien hemm qbil li jiġu ordnati *double yellow lines* u żewġ parkeġġi, biex ikun ikkontrollat il-parkeġġ.

2.3.2 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri nfurmat lil-Kumitat li l-ħajt ta' wara l-Bring in Site ta' Triq Kalang Bugeja sar, imma tħalla materjal tal-bini ħdejn il-Bring in Site. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur. Hi ġibdet l-attenzjoni fuq it-traskuraġni tan-nies fir-rigward tal-iskart u staqsiet fuq it-tindif li suppost għandu jsir.

2.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-Green Pak u flimkien jerġgħu jqassmu avviż biex tinġibed l-attenzjoni tal-pubbliku u jingħataw xi premijiet bħala rikonoxximent għal dawk li qed jikkoperaw fuq l-indafa.

**2.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss**

Id-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Awwissu, 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Awwissu, 2014

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**